**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 25/2021 AGV ;</u>**

**ABC**

**U**

**DEF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 18 ta' Jannar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis- 16 ta' Mejju 2015 (Ara dok A anness) u minn daz-zwieg ma kellhomx ulied;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Diane Magro datat 27 ta' Marzu 2018 (Dok B anness);
3. Illi l-parijiet kienu ilhom seperati de facto minn Dicembru tas-sena 2016;

4. Illi miz-zwieg ma kellhomx tfal;
5. Illi m’ hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin, u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ terzi persuni;
6. Illi m’ hemm ebda manteniment dovut f’ dal-istadju stante li l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment.
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kunidizzjonijier kollha mehtiega, ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qoti rat li fi-seduta tat-Tlieta 16 ta’ Frar 2021 dehret Dr. Stephanie Caruana li tat ruhha b’ notifikata ghall-partijiet, u b’ hekk il-Qorti, ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**